Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M. Jur.

Il-Pulizija

Vs

Glorianne Grace Zammit Saliba Toledo

Seduta Distrett Rabat

Illum: 11 ta' Ottubru 2024

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi prezentati mill-Pulizija Ezekuttiva kontra:

**Glorianne Grace Zammit Saliba Toledo** ta' 47 sena bint Joseph Francis Saliba u Mary Helen Saliba nee Toledo imwielda Pieta' fis-7/04/1988 u residenti Marlenia, Triq Toni Farrugia, Rabat, Malta K.I. 208588M;

Akkuzata talli nhar it-18 ta' Novembru 2021 f'dawn il-Gzejjer:

1. Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita kompetenti b'reat, filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti;

2. U aktar talli kull min jiddenunzja lill-pulizija ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq johloq it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jibdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija minbarra mill-piena applikabbli tapplika Sec 328A u 383, 384, 385 tal-Kapitolu 8 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-harsien ta' Reuben Zammit.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan huwa kaz li beda fuq kwerela tal-ex-ragel tal-imputata fejn b'ittra mibghuta fid-9 ta' Dicembru 2021 mill-avukat ta' fiducja tieghu qed jallega li r-rapport li sar mill-imputata datat 18 ta' Novembru 2021 gewwa l-ghassa tar-Rabat li naqas li jhallas il-manteniment ghax-xhur

ta' Ottubru u Novembru 2021 huwa rapport falz. B'hekk Reuben Zammit talab li jittiehdu passi kriminali a tenur tal-artikolu 101 u 110 (2) tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta[1] kontra l-imputata.

**Provi**

Xehed **PS 1469 E. Borg** fejn qal li fit-**18 ta' Novembru 2021**[2] ghall-habta tat-15.30 hrs infurmawh mill-ghassa tar-Rabat li kienet marret certa Glorianne Grace Zammit Saliba Toledo tirraporta li l-imputat naqas li jhallas il-manteniment ghax-xahar ta' Novembru kif degretat mill-Onorevoli Imhallef Anthony J. Vella (digriet numru 144/2019 AGV).

Fl-affidavit is-surgent kompla jghid li Reuben Zammit gie mitkellem l-ghassa tal-Hamrun u gab mieghu transazzjoni tal-BOV bin-numru 107352378 li saret fl-**24/11/21**[3] bl-ammont ta' tlett mitt Ewro (€300) moghtija lil Glorianne bil-pagament miktub 'Monthly Suppost Novembru 2021'. B'hekk sostna li l-ex-martu kienet ghamlet rapport falz. Sostna ukoll li fid-digriet ma kienx hemm meta jsir il-hlas tal-manteniment u li kien hemm digriet iehor li suppost jitnaqqsu mill-ewwel mill-paga. Qal li hija infurmat il-post tax-xoghol tieghu nhar il-21 ta' Ottubru 2021 cioe kien il-21 t'Ottubru meta waslitilhom din it-talba.[4]

[1] Folio 10 tal-process – Dok RA 2 punti 3 sa 5 l-aktar relevanti ghall-vertenza odjerna.
[2] Enfasi tal-Qorti.
[3] Enfasi tal-Qorti.
[4] Ara ukoll pagna 3 ta' Dok RA 1 – NPS: 7/Q/2673/2021. Jidher li fuq dan ir-rapport l-ewwel beda jiktbu PS 1469 Borg u wara gie aggornat minn PC 627 Gauci.

Jghid li meta ircieva l-kwerela minn ghand l-avukati ta' Zammit hu baghat ghall-imputata u ghalkemm qaltlu li sejra l-ghassa hija ma marret qatt l-ghassa.[5]

Xehed **PC 1112 G. Buhagiar** fejn ikkonferma li l-imputata marret l-ghassa tar-Rabat fit-18 ta' Novembru 2021. Hi qaltlu li l-ex-zewgha Reuben Zammit kien naqas li jaghtiha **l-manteniment tax-xahar ta' Novembru** skond id-digriet tal-Imhallef Anthony G. Vella. Qal li hadilha ir-rapport fuq karta ghax is-sistema ma kinitx disponibbli.

Il-kuntistabbli baghat ghar-Reben Zammit u **staqsih fuq il-manteniment ta' Ottubru** fejn skond il-kuntistabbli stqarr:

***'Dak in-nhar ta' meta gejt mitkellem fuq rapport simili fit-8 ta' Ottubru, jiena hallast ta' Ottubru ukoll bil-quddiem. In-numru tat-transazzjoni huwa 04924TP212810551-769836415. Hija qieghda tigdeb rigward dawn ir-rapporti.'***[6]

Xehed **PC 627 D. Gauci** permezz ta' affidavit li ikkonferma dak li xehed PC 1112 G. Buhagiar.[7]

Xehed **Reuben Zammit** nhar il-5 ta' Mejju 2023 fejn qal li huwa qieghed fil-process ta' separazzjoni u li l-kawza qieghda quddiem l-Onorevoli Imhallef Anthony Vella u hemm zewg digrieti. Hu ordnat ihallas manteniment ta' tlett mitt Ewro (€300) fix-xahar b'effett mill-1

[5] Folio 2 tal-process.
[6] Folio 3 tal-process.
[7] Folio 4 tal-process.

ta’ Lulju 2019. Jghid li hemm digriet iehor fejn hemm ordni li dan il-manteniment jibda jinqata’ mill-paga. Dan huwa data 28 ta’ Lulju 2021. Jghid li dan id-digriet hareg f’Lulju u peress li kien qed ibiddel l-avukat u haseb li l-parti ‘l ohra kellha l-obbligu li tinfurma lil tax-xoghol tieghu ma ghamel xejn. F’Ottubru 2021 baghtu ghalih il-pulizija u gibdulu l-attenzjoni li mis-salarju mhux qed jinqata’ u fuq dan lanqas l-ex-martu ma infurmatu. Kien qal lill-pulizija li ma kinitx problema u l-manteniment tas-sajf baghtulha dak il-hin stess. B’hekk baghtilha ta’ Lulju, Awwissu u Settembru u hallas t’Ottubru bil-quddiem. Hallas bl-on line banking. Hallas ta’ 4 xhur f’daqqa fit-8 t’ Ottubru. Jghid li lil tax-xoghol avzawhom fil-21 ta’ Ottubru u l-karti gew ghandu fuq ix-xoghol bi zball. Sostna li ta’ Novembru ma kienx ser jinqata’ mis-salarju u kien ser jibda jinqata’ minn Dicembru.

Qal li l-pulizija baghtu ghalih darbtejn. Darba f’Novembru u qaluli li ma kienx ghadu hallas ta’ Novembru. Jghid li hu qatt ma kellu data stipulata li jrid ihallas f’xi data. Anzi bid-digriet jinqatghu mal-paga fl-ahhar tax-xahar. Qal li baghtu ghalih darb’ohra u qalulu li huma riedu ikellmuh fuq il-manteniment ta’ Ottubru 2021 ghax fuq hekk kien ir-rapport. Jerga’ jikkonferma li ta’ Ottubru l-pagament sar ma’ dawk tas-sajf. Jghid meta sejhulu l-pulizija fuq ir-rapport ta’ Ottubru diga’ kien sar il-pagament. Ikkonferma li minn Dicembru beda jinqata’ mis-salarju tieghu. Ikkonferma wkoll il-kwerela li ghamel.[8]

Xehdet l-imputata **Glorianne Grace Zammit Saliba Toledo** waqt is-seduta tal-5 ta’ Mejju 2023 u taqbel li hija ghamlet rapport fit-18 ta’ Novembru 2021 u dan ghaliex ma kienx ghadu dahal il-manteniment.

[8] Jidher li fit- 8 ta’ Ottubru 2021 mill-kont tal-BOV ghamel 4 pagamenti ta’ Euro 300 lill-imputata. Dok. R23, R 24, R 25, R 26. Giet ezebita ukoll l-ittra lil Institute of the Creative Arts datata 4 t’ Ottubru 2021 mibghuta mill-avukata li kienet tassisti lill-imputata dak iz-zmien. Jidher li din giet ipprocessata fil-21 ta’ Ottubru 2021.

Tghid li skond hi l-manteniment kellu jidhol fl-1 tax-xahar ghax hekk kienet is-sentenza. Taqbel li l-manteniment dahal fl-24 ta' Novembru. Hija stenniet 18-il jum u marret taghmel ir-rapport.

Mistoqsija mill-prosekuzzjoni hija tghid li mhux vera ghamlet rapport falz. Tghid li hija marret il-bank u iccekjat li l-manteniment kien ghadu ma dahalx. Tikkonferma li skond hi l-manteniment kellu jidhol fl-1 ta' Lulju.

Kontro ezaminata tghid li taqbel li l-ammont kellu jinqata' direttament mis-salarju. Taqbel li ghal Lulju, Awwissu u Settembru kienet irceviet il-manteniment. Taqbel li meta marret taghmel ir-rapporti fuq Lulju, Awwissu u Settembru ma kienx ghadu hallasha. Tghid li d-digriet gie varjat ghax ma kien qed ihallas xejn u ghalhekk kellha tinqataghlu mill-paga. Tissokta tghid li suppost kienu qed jinqatghu mill-paga pero' fir-realta' ma kinux. **Tichad li marret taghmillu rapport ghal Ottubru li ma hallashiex.**[9] Terga' tikkonferma li qabel ma ghamlet ir-rapport ikkonfermat li ma dahhlux il-bank. **Tikkonferma li marret taghmel ir-rapport taghha fit-18 ta' Novembru.**[10] Hija ikkonfermat id-dokumenti bankarji li juru t-transazzjonijiet li hija irceviet l-manteniment.

**Ikkunsidrat:**

**Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

[9] Pagna 7 u 8 tax-xhieda tal-imputata.
[10] Pagna 8 tax-xhieda tal-imputata.

Illi l-Qorti tqis illi l-akkuzi migjuba kontra l-imputata jirravizaw taht l-Artikli 101 u 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-Artiklu 101 jipprovdi:

*101.(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati –*

*(a) il-piena ta' priġunerija minn tlettax sa tmintax-il xahar, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn;*

*(b) il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa disa' xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' delitt suġġett għall-piena mhux akbar mill-piena ta' priġunerija għal żmien sentejn, iżda li ma jaqax taħt il-pieni tal-kontravvenzjonijiet;*

*(ċ) il-piena ta' priġunerija minn tlitt ijiem sa tliet xhur, jekk l-akkuża falza tkun ta' kull reat ieħor.*

*(2) Meta d-delitt isir bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra, il-piena tiżdied grad.*

L-Artiklu 110 (2) jipprovdi:

*110.(1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu.*

*(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.*

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Maria Muscat** deciza 12 ta' Dicembru 2011, mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, per dakinhar Magistrat Edwina Grima, intqal:

*"Ikkunsidrat:*

*Illi l-imputata tinsab akkuzata b'zewg imputazzjonijiet ewlenin. L-ewwel wahda hija dik prevista fl-artikolu 101 u cioe' dik tal-kalumnja, filwaqt illi t-tieni imputazzjoni tirreferi ghar-reat tal-falza denunzja jew is-simulazzjoni tar-reat kif ikkontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9.*

*IL-LIGI*

*L-artikolu 101 – Il-Kalumnja.*

*Ir-reat tal-kalumnja kif previst fl-artikolu 101 tal-Kodici Kriminali titratta dwar informazzjoni, rapport jew kwerela kemm jekk maghmula verbalment jew bil-miktub, liema kalumnja hija imsejjha bhala verbali u diretta. Dik imbaghad li l-ligi titkellem dwarha fl-artikolu 110(1) hija dwar il-kalumnja imsejjha indiretta jew rejali.*

*Il-Professur Mamo ighid: "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority."*

*Ghandu jinghad illi mid-dicitura ta' l-artikolu 101, huwa car li l-unika intenzjoni tal-persuna li hija akkuzata b'dana ir-reat hija illi taghmel hsara lill-persuna jew persuni illi jigu akkuzati ingustament, kif ukoll illi r-rapport falz jew id-denunja falza trid tkun tali illi abbazi ta' l-istess, azzjoni kriminali setghet tittiehed jew ittiehdet fil-konfront tal-persuna jew persuni falzament akkuzati.*

*F'sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali (sede inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Vincenzo Attard gie deciz: "Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."*

*Ukoll f'sentenza ohra fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Seychell (17/10/1997 Appelli Kriminali) inghad: "L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha s-setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti lil dik il-persuna li tkun allegatament ikkomettiet dak ir-reat."*

*Fl-ahharnett f'sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali gie deciz: "Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalumnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kinitx ghamlet dak ir-reat,*

*bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall-konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel." (Il-Pulizija vs Doreen Zammit – 15/06/2001)*

*L-artikolu 110(2) – Is-simulazzjoni tar-reat*

*Illi it-tieni akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputata tinkwadra ruhha fir-reat ikkontemplata fl-artikolu 110(2) u cioe' s-simulazzjoni tar-reat. Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta' l-Ordinanza IX ta' l-1911 u giet imfassla fil-maggior parti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta' l-1889.*

*Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi: "The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. ... <u>This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> ... (sottolinjar talQorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth*

*would not avail to exclude it. … Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender;* *__otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation__.(sottolinjar tal-Qorti)"*

*Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs David Mizzi jinghad is-segwenti fuq dina d-disposizzjoni tal-ligi: "Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunzja lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta' l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

*Dana ir-reat, ghalhekk, jippostula sitwazzjoni fejn persuna tivvinta li sar xi reat jew bil-qerq tohloq xi provi jew tracci li sehh xi reat bhal per ezempju l-kaz li isehh ta' sikwit fil-Qorti fejn persuna taghmel rapport anonimu illi hemm xi bomba fl-edificju tal-Qorti, li hija s-simulazzjoni verbali jew diretta. Jew inkella li sabiex jivvinta li sofra serqa mid-dar tieghu, l-agent ikisser is-serratura, ihalli xi sellum ma' xi hajt jew inkella johloq it-taqlib sabiex il-pulizija jibdew jaghmlu l-investigazzjonijiet dwar ir-reat tas-serq - din hija s-simulazzjoni rejali u indiretta.*

*Illi l-ghan ta' l-artikolu 110(2) huwa li jippenalizza l-persuna illi jivvinta li sar reat kemm b'mod verbali kif ukoll materjali, sabiex b'hekk jinbdew investigazzjonijiet kriminali bl-ghan li jigi accertat il-*

*kummissjoni ta' dana l-allegat reat. Il-Professur Mamo ighid: "The specific malice of this crime consists in the intent to deceive or mislead justice by denouncing or making appear an offence which is known not to have been committed and not in the intent to harm, directly by the simulation, any other person.*"

Illi fil-kawza **Il-Pulizija vs Daniel Mizzi**, Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, deciza fis-17 ta' Gunju, 2019, intqal:

*"L-akkuzat illum appellant instab hati tar-reat ta 'kalunja' kif dispost fl-artikoli 101 tal Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:-. "101.(1) Kull min bil-ħsieb li jagħmel ħsara lil xi persuna, jakkuża lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b'reat, fil-waqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innoċenti, għall-fatt biss li jkun akkużaha, jeħel, meta jinsab ħati....."*

*Ghalhekk jirrizulta li l-elementi kumulattivi ta' dan ir-reat huma is-segwenti:-*

*1. Li persuna trid taghmel hsara lil persuna ohra*

*2. Li dik il-persuna takkuza lil dik l-istess persuna b'reat*

*3. Quddiem awtorita kompetenti*

*4. U dan meta dik il-persuna tkun taf li lil min qed tiddenunzja hija persuna innocenti*

*5. Jaghmel din id-denunzja ghas-semplici fatt biex jakkuzaha.*

*Issir referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija Vs Vincenzo Attard*[11] *fejn giet trattat r-reat ta' falza denunzja, inghad li: "Biex ikun hemm ir-reat ta` falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibili quddiem il-Qorti ta` Gustizzja Kriminali. Ghaldaqstant min jiddenunzja falsament membru tal-Pulizija, li naqas mid-dmirijiet tieghu, ghalkemm jista` jgib konsegwenzi serji skond l-Oridnanza tal-pulizija, ma hux hati ta` kalunja. Ghax denunzja simili tista` taghti lok ghal inkjesta mill-kummissjaru tal-Pulizija, u l-piena tigi irrogata mill-Eccellenza Tieghu l-Gvernatur, jew mill-Kummissarju jew Ufficjali iehor kompetenti, imma ma taghtix lok ghal azzjoni kriminali kontra dak il-membru tal-pulizija quddiem il-Qrati Kriminali. Dik id-denunzja pero`, tammonta ghal ingurja lil dak il-membru tal-Pulizija, u tigi punita taht dispozizzjonijeit diversi minn dawk li jikkontemplaw ir-reat tal-kalunnja."*

*Gie konfermat ukoll fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta flismijiet Il-Pulizija Vs Joseph Seychell*[12] *li fir-reat ta' Kalunja "L-akkuza jew denunzja, ghall-finijiet tal-kalunja ma tirrikjedi ebda formalita' partikolari; l-unika haga li hi rikjesta hi li dik l-akkuza jew denunzja issir quddiem awtorita' kompetenti, jigifieri awtorita' li ghandha setgha li tipprocedi biex tinvestiga u eventwalment tressaq il-Qorti (jew tghaddi l-kaz li haddiehor biex dan eventwalment tressaq il-Qorti) lil dik il-persuna li tkun allegament ikkommettiet dak ir-reat."*

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-7 ta' Novembru, 1949
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar is-17 ta' Ottubru 1997.

*Issir referenza ukoll ghal dak deciz fil-procediment ricentement fl-ismijiet Il-Pulizija vs Christian Demanuele*[13] *dwar ir-reat in desamina fejn saret referenza ghar-reat dwar il-kalunja indiretta u d-differenza bejn dan ir-reat u dak ta' kalunja diretta, l-Professur Mamo jghallem li:*

*"Whereas the false accusation ... made orally or in writing by any information, report or complaint connstitutes the calumnious accusation, properly so called verbal or direct, this other form, consisting in falsely fabricating factual evidence as an offence against an innocent person, consists the caluminious accusation known as real or indirect: "La calunnia reale consiste nel simulare a carico di persona che si sa innocente le tracce o gli indizi materialo di u reato... tale sarebbe il-porre sul luogo del reato un oggetto simile a quello portato dalla persona che si vuol colpire, ovvero il-porre sulla persona o nell' abitazione altrui un pugnale insanguinante, opurre una cosa furtiva". The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under section 101 of calumnious accusation, the current offence known as verbal or direct such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnious accusation the crime cannot be said to be completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority.*

[13] Deciza 10.08.2017; per Onor. Magistrat. Dr. Doreen Clarke

*Illi l-istess l-Antolisei: Le modalita dell'incolpazione possono concretare la cosidetta calunnia diretta o formale e la calunnia indiretta o materiale (detta anche reale). Si ha la prima quando l'attribuzione dell'illecito penale si attua mediante denuncia .... .... ....; la seconda quando l'incolpazione si pone in essere simulando a carico di taluno le tracce di un reato. .... .... .... tracce costituite da tutti i fatti o circostanze che servono a designare un determinato individuo come certo o probabbile autore o compartecipe di un fatto criminoso. I modi piu comuni concui si commette questa forma di calunia sono la simulazione di violenza sulle persone o sulle cose, oppure il collocaamento di oggetti indizianti presso il caalunniato...".*

**Ikkunsidrat:**

Abbraccjati dawn il-principji, l-Qorti se tghaddi sabiex tezamina l-provi fil-kawza quddiemha:

Il-Qorti fliet bir-reqqa r-rikors imressaq mill-imputata quddiem il-Qorti tal-familja Dok RZ1 a folio 35 tal-process, u d-digriet relattiv moghti fis-06 t'Awisuu 2019, minn liema jirrizulta car u tond illi l-Onorabbli Qorti tat id-digriet taghha fis-06 t'Awissu 2019, fejn gie iffissat l-ammont tal-manteniment li kellu jithallas, liema ammont bhala ammont kien dovut b'effett mill-01 ta' Lulju 2019. L-istess digriet pero ma jghidx meta ghandu jithallas tali manteniment u ghalhekk l-imputat seta' jhallas il-manteniment fi kwalunkwe gurnata ta' kull xahar. Tant hu hekk, li kien ghalhekk illi sar ir-rikors sussegwenti Dok RA3.

Il-Qorti fliet bir-reqqa r-rikors imressaq mill-imputata quddiem il-Qorti tal-familja Dok RA3 a folio 18 tal-process, u d-digriet relattiv, minn

liema jirrizulta car u tond illi l-Onorabli Qorti tat id-digriet taghha fit-28 ta' Lulju 2021, u konsegwentament kwalunkwe obbligu li l-hlas tal-manteniment skont id-digriet tas-06 t'Awissu 2019 kellu jinqata' direttament mill-introjtu tal-kwerelant ma setax jidhol fis-sehh qabel id-data tat-28 ta' kwalunkwe xahar u cioe d-data meta dahal fis-sehh tali obbligu permezz tal-imsemmi digriet. Precedentament ma kien hemm l-ebda digriet illi jghid li l-manteniment kellu jinqata' direttament mill-paga tal-kwerelant. Allura l-15 il-jum moghtija mil-ligi ghall-hlas tal-manteniment jibdew jghoddu mid-data tat-28 ta' kull xahar ghal kull rata li ssir dovuta u mhux qabel.

Il-Qorti fliet bir-reqqa r-rikors imressaq mill-imputata quddiem il-Qorti tal-familja Dok RZ2 a folio 40 tal-process, minn liema jirrizulta illi dan huwa l-istess rikors u l-istess digriet riferit fid-Dokument RA3 u ghalhekk il-Qorti m'ghandha xejn x'izzid dwaru.

Illi skond id-dokument RZ7 a folio 51 tal-process, id-dettalji tal-kont bankarju tal-imputata intbaghtu lill-Ufficju Human Resources, fil-post tax-xoghol tal-kwerelant permezz ta' ittra datata 4 t'Ottubru 2021, liema ittra skont id-dokument RZ2 u t-timbru postali hemm migjub, giet impustata fil-21 t'Ottubru 2021[14]. Illi ghalhekk m'hemmx dubju li l-kwerelant ma seta' qatt qabel dik id-data li rcieva l-ittra jaghti xi struzzjonijiet lill-bank sabiex jinqata' l-ammont tal-manteniment direttament mill-kont tieghu u jintbaghat fil-kont tal-imputata u dan ghax ma kellux id-dettalji tal-kont bankarju taghha, jew ghal-lanqas ma hemm xejn fl-atti li jikkontradixxi din il-prova.

[14] L-indirizz igib l-isem Institute for the Creative Arts, l-imputata pero ma ikkontestat bl-ebda mod illi dan huwa relattiv ghall-imsemmija ittra. Jidher illi dan huwa l-post tax-xoghol tal-kwerelant.

**Ikkunsidrat:**

Illi kunsidrat dan kollu huwa car illi l-obbligu tal-kwerelant ma jidholx fis-sehh qabel id-data tad-digriet relattiv moghti mill-Onorabbli Qorti u cioe t-28 tax-xahar.

Konsegwentament meta l-imputata marret taghmel ir-rapport fit-18 ta' Novembru 2021, hija ghamlet ir-rapport ferm qabel ma skatta l-obbligu tal-kwerelant li jhallas l-imsemmi manteniment ghax-xahar ta' Novembru.

Illi mill-istatement tal-kont bankarju tal-imputata dok GZ2, a folio 80 tal-process jirrizulta car illi fit-08 t'Ottubru 2021, il-kwerelant ghadda erba' pagamenti lill-imputata u dak t'Ottubru 2021 kien inkluz maghhom, jigifieri il-pagament ta' Ottubru ghamlu qabel id-data li kien dovut. Issa fid-data tat-08 t'Ottubru 2021, l-ittra bid-dettalji tal-kont bankarju tal-imputata kienet ghad ma waslitlux. Il-Qorti tqis illi kien nuqqas tal-imputata illi ma baghtitx id-dettalji tal-kont bankarju taghha lill-kwerelant, immedjatament wara illi hareg id-digriet tat-28 ta' Lulju 2021 u ta' hadd aktar. L-imputata ma tistax tistenna li tali nuqqas taghha jigi impost fuq il-kwerelant. Lanqas tista' tistenna li taghmel rapport bl-addocc fil-konfront ta' haddiehor, f'dan il-kaz il-kwerelant odjern, minghajr ma tara sew l-affarijiet u qisu qatt ma gara xejn.

Din il-Qorti ma tara xejn f'hiex wiehed jinfixel x'hin iqis id-digriet relattiv tat-28 ta' Lulju 2021.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputata kienet qed tghodd il-granet li taghti l-ligi sabiex isir il-hlas, u kif appena saret it-18 il-gurnata tax-xahar[15], hija marret taghmel rapport kontra l-kwerelant.

Il-Qorti m'ghandix dubju wkoll illi l-imputata kienet taf x'qed taghmel meta hija ghamlet dan ir-rapport, il-Qorti lanqas m'ghandha dubju l-imputata kienet taf ukoll illi kien biss f'Ottubru illi hija kienet baghtet id-dettalji bankarji taghha fuq il-post tax-xoghol tal-kwerelant.

Illi fl-istess ittra Dok. RZ4, il-legali stess tal-imputata kitbet: "Skond digriet tal-Onor. Qorti tal-Familja, datat it-28 ta' Lulju, 2021, l-Onor. Qorti tal-Familja ordnat illi:….". Illi ghalhekk din il-Qorti ma ghandhiex dubju li l-imputata kienet ben konsapevoli ukoll illi d-digriet inghata fit-28 ta' Lulju 2021, u ghalhekk kwalunkwe obbligu jiskatta minn dik id-data, u dan la darba wkoll id-digriet huwa semplici u jghid biss fil-parti relevanti ghall-hlas tal-manteniment: "…Tilqa' t-tieni u t-tielet talba." It-tieni talba kienet tirrigwarda t-talba sabiex il-manteniment jibda jinqata' direttament mill-paga tal-kwerelant. Illi ghalhekk, id-digriet precedenti gie varjat bid-digriet tat-28 ta' Lulju 2021, u l-obbligu li jinqata' mill-paga skatta biss f'dik id-data u mhux qabel.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata qed tigi akkuzata li ghamlet rapport falz kontra zewgha ai termini tal-artikoli 101 u kif ukoll akkuzata taht l-Artiklu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.  Il-Qorti ghandha quddiemha in atti

[15] U cioe tlett'ijiem biss wara l-hmistax-il gurnata moghtija mil-ligi ghall-hlas tal-manteniment.

rapport wiehed tal-pulizija ossija dak tat-18 ta' Novembru 2021 (NPS 7/Q/2673/2021) li jinsab a folio 10 tal-process. Jirrizulta mir-rapport hawn indikat li l-imputata irrappurtat li l-manteniment li kien dovut lilha ghal Novembru 2021 kien ghadu ma thallasx, *u xejn aktar*[16]. Fil-fatt dak il-manteniment, u fuq dan hemm qbil dwaru kemm mill-kwerelant, kemm mill-imputata u kif *del resto* jixhdu d-dokumenti bankarji prodotti miz-zewg partijiet thallas fl-24 ta' Novembru 2021, jigifieri ftit jiem wara li ghamlet ir-rapport l-imputata.

Illi pero fid-data tal-24 ta' Novembru 2021, kien ghadu ma skattax l-obbligu tal-hlas tal-manteniment billi jinqata' direttament mill-paga u dan stante li l-manteniment ai termini tad-digriet tat-28 ta' Lulju 2021, huwa dovut fit-28 ta' kull xahar u mhux qabel.

Il-Qorti tqis illi fejn il-kliem huwa car u semplici, kif abbraccjat ukoll mil-ligi u gurisprudenza taghna, ma hemm l-ebda lok ta' interpretazzjoni.

Pero in vista tas-sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma illi hekk biss tista' tkun l-interpretazzjoni ta' dak id-digriet stante illi l-istess digriet ma jaghti l-ebda data ohra. In oltre, tali interpretazzjoni hija korretta wkoll ghas-semplici fatt illi fil-kaz in ezami, jirrizulta mid-dokumenti bankarji imressqa mill-kwerelant kif ukoll mill-imputata nfisha li l-manteniment ta' Ottubru kien gia thallas fit-08 t'Ottubru. Dan qatt ma gie kontestat mill-imputata, anzi ghall-kuntrarju l-imputata u d-difiza jishqu u jaghmluha cara li l-hlas reklamat u

[16] **Bid-dovut rispetto lejn id-difiza l-manteniment ta' Ottubru 2021 qatt ma issemma' fir-rapport hlief b'mod konfuz minn PC 627 Gauci u PC 1112 Buhagiar fit-tieni parti tar-rapport u fl-affidavit taghhom! Il-kwerelant ma talabx xi kontro ezami taghhom biex jekk dehrlu xieraq jiccara xi punti fuq dak irrapurtat minnhom.**

irrappurtat mill-imputata ma kienx ghax-xahar ta’ Ottubru izda kien ghax-xahar ta’ Novembru.

**Ikkunsidrat:**

Illi in vista’ ta’ dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-imputata kienet taf ben tajjeb x’inhi taghmel, u li r-rapport li kienet qed taghmel ma kienx veritier.

Illi mill-assjem tal-provi in atti, ghalhekk il-Qorti tqis illi l-prosekuzzjoni pruvat il-kaz taghha sal-grad li tirrikjedi l-ligi fil-kamp kriminali.

**Ikkunsidrat:**

In konsiderazzjoni tal-piena idoneja, il-Qorti tqis illi l-piena ghan-nuqqas ta’ hlas tal-manteniment fi zmien hmistax-il jum minn meta tali hlas ikun dovut, skont l-Artiklu 338 (z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija l-piena tal-kontravenzjonijiet u cioe sa tlett xhur habs.

Illi ghalhekk f’dan il-kaz il-piena applikabbli taht l-Artiklu 101 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta hija dik provduta fis-subinciz (c) u cioe minn tlett ijiem sa tlett xhur habs, filwaqt illi taht l-Artiklu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-piena hija ta’ mhux aktar minn sena.

**Decide:**

Għaldaqstant, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 101 u 110(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata **GLORIANNE GRACE ZAMMIT SALIBA TOLEDO HATJA** tal-akkużi miġjuba kontra tagħha u qed tikkundannaha għal tlett xhur habs illi bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal żmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-ħatja fi kliem ċar l-obbligi tagħha taħt din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk hija ma tonorax l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Magistrat

Victor Deguara

Deputat Registratur.